MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 510/2002

**Standard Publications Limited**

**Vs**

**Colour Chart Co. Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elfejn, disa' mija u dsatax-il Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm2919.33), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess Standard Publications Limited fl-2001 u fl-2002, u dana fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 2002, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2008 (fol 28 tal-atti) minn fejn jidher li l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm257.76,0 ossija €600.42 u dan ghar-raguni hemm premessa.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' April 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma kif ridotta ta' Lm257.76,0 ossija €600.42 bl-imghax legali mid-9 ta' Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------